*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 21**

**Il-Ħamis 19 ta' Frar 2026.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Patrick Camilleri-Kunsillier
Beverly Saliba – Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Janice Falzon – Viċi Sindku
Celine Camilleri – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

**21.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra t' apoloġija tal-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon u l-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri.

**21.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti: Laqgħa 20 li saret Nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar 2026:***

**21.2.1** **Korrezzjoni tal-Minuti: Laqgħa 20 li saret Nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar 2026:**

**21.2.1.1** Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier Mr Jesmond Abela ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekondat l-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**21.2.2** **Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 20 li saret Nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar 2026:**

**21.2.2.1** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 2 artiklu 20.2.2.1 jekk kellnix risposta fuq il-Magħluq.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu baghat bil-miktub pero' għadna ma rċivejna l-ebda risposta. Is-Segretarju Ezekuttiv irrefera għal-laqgħa li huwa u l-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri kellhom fl-ufficini amministrattivi ta' IM fejn kienu semmew dan is-suġġett waqt din is-seduta u dan wara li kienet issemmiet fis-seduta tal-Kunsill.

**21.2.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 5 artiklu 20.7.1.1 x'sar mix-xogħol ta' din il-bankina.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din inħarġet Works order lil Kuntrattur tal-Kunsill Catbros biex issir il-bankina.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi Triq ta' Gidwett ukoll hemm bżonn li tittranġa u anke Triq il-Batterija taz-Zonqor

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi rigward Triq il-Batterija taz-Zonqor infurmajna lill Perit biex jissottometti il-BOQ ħalli napplikaw biex issir mid-Divizjoni tax-xogħlijiet Pubbliċi.

**21.2.2.3** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 artiklu 20.2.2.1 fejn reġa staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fuq il-Magħluq.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu tkellem mas-Sur Dorian Abela li huwa responsabbli mil-Maghluq flok is-Sur Gabaretta u qallu li qed jaħdmu fuqha u talabna jekk nistgħux ngħinuh fuq tindif fil-magħluq u min-naħa tiegħu tkellem mal-Cleansing Department però baqa mingħajr risposta. Huwa qal li ħass il-ħtieġa li nkellmu l-kumpanija Zibel biex filkas jiġu huma jnaddfu.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-minuta qeda tindika li nkellmu lil Infrastructure Malta sabiex isir xogħol ta' ċirkulazzjoni tal-ilma hekk kif qed isiru ix xogħolijiet f'Marsaskala. Hu qal ukoll li għanda ma rċivejna l-ebda risposta.

**21.2.2.4** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 artiklu 20.2.2.2 rigward il-bus shelter fi Triq il-Qaliet.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi intbagħat kollox lil TM u qed nistennew risposta.

**21.2.2.5** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 artiklu 20.2.2.6 jekk l-ittra lil ħwienet intbgħatix.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ma jħossx li għandha tintbgħat issa wara li l-ħwienet sofrew ħafna danni wara l-maltempata.

**21.2.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 artiklu 20.2.2.7 meta ser jitlesta l-kajjik.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ma jafx u ser ikellmu biex imur jara fiex wasal ix-xogħol.

**21.2.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 artiklu 20.3.3 jekk kienx hemm xi żviluppi fil-bankina ta' ħdejn iċ-Ċervjola.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi x-xogħol lest u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri mar fuq il-post u ivverifika li x-xogħol sar sew.

**21.2.2.8** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 4 artiklu 20.3.5 meta ser jitlesta x-xogħol fi Triq Sant Anna.

Is-Sindku s-Sur Mario qal illi dakinhar stess kien tlesta x-xogħol li fadal.

**21.2.2.9** Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela staqsa fuq paġna 4 artiklu 20.4.1 jekk kienx hemm xi progress fuq it-traffic management ta' Bellavista.

- Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri daħal għal laqgħa 6:24pm.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi daħal il-Ministeru fiha u x-xogħol miexi.

**21.2.2.10** Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba tkellmet fuq paġna 4 artiklu 20.3.6 rigward l-preparazzjonijiet ta' Festa melħ fejn qalet li qed issib xi ftit diffikultajiet għaliex in-nies li kienu se jahdmu magħna f'Mejju għandhom impenji oħra f'Ottubru pero ser issir xorta f'din id-data.

**21.2.2.11** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fi Ġnien Sant Anna daħal l-ilma baħar ġos-sistema tad-dawl u għalhekk għadu ma nxtelx u qed isir xogħol min Nexos sabiex jaraw kif ser isolvu din il-problema.

**21.2.2.12** Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech tkellem fuq paġna 3 artiklu 20.2.2.4 fejn il-kunsill ma kienx daqshekk kuntent bis-servizz tal-kuntrattur tal-asfalt. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu tkellem mal-espert fejn qallu li ma nistgħux nmorru għat tieni jew tielet bidder għaliex il-bid bond tal-kuntratturi in kwistjoni issa skadiet izda fil-frattemp erġajna tkellimna mall-Kuntrattur u jidher li sar xi xogħol diga kif ukoll patching bir-romblu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camillerii qal illi hija ħasra li ħlielna sena u Marsaskala ntliet kollha ħofor.

**21.2.2.13** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 3 artiklu 20.3.1 fejn qal illi hu flimkien mall-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud marru fuq il-post fejn ltaqgħu mal-perit Adrian Mintoff kif ukoll mall-Contracts manager u l kuntrattur tas-sit in kwistjoni fejn qallu li ser jaħdmu anke fuq il one ways, hu qal illi l-ewwel sular tal-garaxxijiet lest u kif itella it-tieni sular ser tiġi kif kienet.

**21.2.2.14** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 3 artiklu 20.3.2 qal illi l-Kunsillier is-Sur John Camilleri ser jiltaqa mas-Sur Marco Borg u wara jista jinbeda ix-xoghol fuq il-lattrina ta' taħt il-knisja liema xoghol u spejjez ser ikunu koperti min-naha Marco u Alessio propetarji ta' Lukanda Ċervjola. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kellu jiltaqa miegħu illum.

Sindku qal illi għamilna zewġ mobile toilets ukoll u għal Kunsill hija win win situation għaliex dan ix-xogħol ser isir mingħajr mal-Kunsill iħallas xejn

**21.2.2.15** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 4 artiklu 20.7.1 fejn qal illi jixtieq jiċċara xi punti għaliex sema ċerti kummenti li ma għoġbuhx u ried li jikkjarifika.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qara dan li ġej:

''Nirreferi għall-Jessica Jin u Gavin Zhang li dawn hlief ġid ma' għamlux fil-lokal tagħna.

Fiċ-ċirkostanzi ħassejt li nagħti spjegazzjoni fid-dettal biex inserraħ moħħ kulħadd.

Dawn iz-zewg persuna ċinizi li jiena sa qabel April tas-sena l-oħra anqas bis kont nafhom minn Adam u Eva. Kif tafu jiena nokkupa l-kariga l-Viċi President tal-Għaqda ta' ħbieberija bejn Malta u ċ-Ċina. Il-President attwali fil-preżent ma'tantx jinsab f'saħħtu allura talabni biex inmexxi laqgħat u tmexxija floku. Bħala finanzi tal-għaqda ma' tantx sibthom tajbin u ridna nsibu mezz biex intejbuhom.

Morna ghall-laqgħa Ġeneral Annwali fejn anke saħħaħna il-Kumitat. Hawn l-eks Ambaxxatur Malti għaċ-Cina is-Sur Pirotta ippropona li hu kien jafil-certu Gavin Zhang ta' cittandinanza Ċiniża u li joqgħod Malta bil-permess residenzjali u li jaħdem ma'kumpanija ta'Avukati magħrufa ħafna f'pajjiżna u li għandu relazzjonijiet tajbin ħafna mal-Ambaxxat Ċinizna u jitkellem tajjeb bl-Ingliż, biex ikun parti mill-kumiatat. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Hawn Dr. Zhang beda jaħdem bla waqfien fl-għaqda. Jiena kont tarraftlu li l-Kunsill tagħna kien iffirma ftehim ta' hbieberija ma' belt fiċ-Ċina bl-isem ta' Dujiangyan. Kien ħa ħafna gost u qalli li kien ser jaħdem fuqha. Kien qalli li kien jaf negozjant fiċ-Ċina li kellu xewqa li jibgħat xi skultura f'lokal Malta u qalli jekk kontx interessat u meta għidtlu iva kien qalli li kien ser jagħmel kuntatt miegħu. Hawn fejn kienet ħarġet il-famuża skultura tal-bronż. Jiena hawn interessajt ruħi u jekk tiftakru ġejt mill-ewwel ninforma lilkom. Meta tkellimt magħkom hadt minkom ma qal li ma' jaqbilx.

Jiena stajt il-Kunsill ma' daħħaltu xejn u kont naħdem mill-għaqda. Stajt ukoll mmur iċ-Ċina minn naħa tal-Għaqda iżda jiena ħassejt il-ħtieġa li ninvolvi il-Kunsilliera. Flimkien ma' Dr. Gavin qbilna li l-ewwel ninvolvu l-Kunsill, wara l-Għaqda u wara min kien interessat mill-pubbliku. Il-grupp tela' ghall-ghoxrin.

Dan huwa l-Avukat Gavin Zhang. Jiena mill-ewwel bdejt naħdem miegħu tajjeb u l-ewwel prijorita kienet kif nistgħu nsaħħu il-finanzi tal-għaqda. Peress li Gavin kien infurmani li kien għin xi NGO' s permezz taħ permessi residenzjali f'pajjiża, jiena gentilment tlabtu jistax jghin l-Għaqda tagħna peress li aħna NGO kif ukoll ghandna ċertifikat tal-VO.

Gavin urini kemm għin NGO's izda nħoss li minħabba *DPA* ma nsemmihomx. Fondi kien hemm ħafna u kollox skond kif titlob il-liġi.

Kif rajt dan kollu moħħi beda jaħdem kif nista nsaħħaħ l-għaqda tagħna fejn jidħlu finanzi u wara kif ser ninvolvi l-entitajiet fil-lokal tagħna. Dawn huma kollha fondi skond il-liġi.

Wara ftit ġimgħat l-Avukat Zhang kien qalilna bħala kumitat li għandu klijent li kien qed jghinu jġib xi tip ta' permess ta' residenza u jekk jirnexxilu jista mill-ewwel jitolbu biex jagħmel depozitu ta' €10,000 f'isem l-Ghaqda ta' ħbieberija bejn Malta u ċ-Ċina. Fil-fatt hekk gara. Wara ftit kellna attivita fil-ġnien kulħadd jiftakar u hemm l-Avukat ġab €1500 minn naħa tal-Ambaxxata Ċiniża kif ukoll €1000 iehor mill-Alliance Malta. Wara ftit ukoll kellu klient iehor li din id-darba ghinu biex iġib residential permit u dan iddepozita €2000 oħra.

Kif rajt dan, jiena avvicinajtu fejn kont ghidtlu li peress issa l-posizzjoni finanzjarja tal-Għaqda hija stabbli, jistax jghin xi entitajiet fil-lokal. Kien qalli li ma kienx hemm problema u kif ikollu xi klijent jinfurmani. Fil-fatt inqalgħu żewġ klijienti li kellhom bil-liġi jgħinu NGO bis-somma ta' €2000 kull wieħed. Dawn marru għand is-soċjeta muzikali Sant'Anna.

Ħalli issa niġi għall Jessica Jin. Tfajla Ċiniża kattolika u saħansitra taqra anke kull nhar ta'Ħadd fil-quddiesa tal-Ingliz gewwa fil-parroċċa tan-Naxxar, ferriħija, taf tħobb, tħobb ħafna l-arti u l-kultura, karittattiva mmens u fuq kollox ġenwina. Din gejja wkoll minn familja residenti Malta permezz taċ-ċittadinaza b'investiment. Din m'għandix x'taqsam mal-Ghaqda ta'Ħbieberija bejn Malta u Ċina iżda nzertat ħabiba wkoll tal-Eks Ambaxxatur Malti għaċ Ċina Joe Pirotta.

Kif kollha tafu grupp ta' 15 fosthom 4 kunsilliera bdejna naħdmu biex noħolqu BBQ fil-ġnien u jinġabru fondi għall- żjara Missjunarja fil-Peru. Ħriġna poster u Jessica meta rat il-poster baghtitli messaġġ fejn riedet tiltaqa miegħi biex tagħtini donazzjoni ta' €500 ghall-Peru u qaltli li kienet ġejja l-attivita wkoll. Għamilna appuntament u meta giet kienet ikkumpanjata ma' omma u id-donazzjoni kienet ta' €1000 u mhux €500. Dan sar kolli bi trasfiriment l-APS. Waqt il-BBQ minn jhedda kienet ghaddiet €1000 oħra l-Isqof li kien prezenti. Minn hemm nista ngħid li sirna ħbieb u meta tant ħadet grazzja mal-lokal li ta' kull darba kienet tistaqsini fejn tista tghin. Jiena dejjem kont nistedina fl-attivitajiet li kien ikollna. Kienet tieħu ħafna gost anke kif tafu giet l-attivitajiet kollha inkluż l-quddiesa tal-festa. Għamlet donazzjoni tista tghid il-kull-entita inkluz il-kotba iz-zewġ skejjel Primarji tagħna.

Il-Villaġġ tal-Milied anqas kien isir li ma'm kienx hemm dawn il-kontribuzzjonijiet addizjonali. €600 Jessica, €2000 Reġjun għad-dawl fil-ġnien u €2000 minn Festivals Malta li hadmet ghalihom Beverly. Dan apparti il-€5000 minn Vista Malta ghad-dwal tat-toroq. Dan kollu ġid. Nistghu nagħtuħ bis-siq.

Ħalli niġi ghar-Reġjun tan-nofsinhar. Charlot u jiena mmorru laqgħat tar-Reġjun kull xahar. Fejn jien hemm ċans dan dejjem għinu il-Kunsill tagħna fejn setgħu.

Ta' kull sena jingħataw fondi ta' kull sena ghat-transport biex l-anzjani tagħna jmorru San Girgor, biex iduru knejjes fil-jiem tal-ġimgħa il-kbira, attivita tal-mixgħela fuq iz-zuntier kif ukoll kif għidt qabel id-dwal tal-Milied u aktar.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm diversi nies oħra li jgħatu kontribut finanzjarju daqs is-Sinjura Jessica pero' qatt ma ingħataw rikonoxximent u jħoss li tajjeb nimxu ma kulħadd bl-istess mod.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi Ġieħ Marsaskala din is-sena ser tkun diffiċli biex issir Minħabba li hemm l-AGM pero jekk il-Kunsill jaqbel li issir ngħamluha xorta u niddiskutu lil min nagħtu rikonoxximenti u fuq liema bażi.

**21.3** ***Kommunikazzjoni mis-Sindku:***

**21.3.1** **Urgent Request for Local Council to consider appeal PA/03418/24 Triq il-Granmastri:**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi rċivejna korrispondenza mingħand resident ta' din it-triq fejn ser isir dan l-izvilupp fejn esprimew ċertu inkwiet li għandhom.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill ma kienx objector u allura ma jistax idahhal appell filwaqt li speja li kien ikun ahjar li kieku darb'ohra il-petizzjoni issir bil-kitba. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi huma qed jitolbu lilna sabiex niftgħu appell fit-tribunal izda peress illi l-Kunsill mhux objector teknikament ma nistgħux.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-problema hija li jekk l-area qieghda fiz -zona ta zvilupp ma tantx hemm wisq x'tista tagħmel

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fil-mument li sar kullimkien medium rise building f'Marsaskala hemmhekk tlifna is-saħħa u bdew il-problemi.

Il-Kunsill qabel unanimament li ninfurmaw lir-residenti u ngħidulhom li teknikament il-Kunsill ma jistax jitfa appell għaliex ma kienx tefa oġezzjoni.

**21.3.2** **Tyre repair PQZ 840(35/0387/26/i):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill irċieva claim ta ħsarat li saru fit-tyre ta' din il-vettura fi Triq id-Daħla ta San Tumas li jammonta għal €178.00.

Il-Kunsill qabel li jingħata rifuzjoni ta 70% tal-ammont peress li t-talba kienet ġustifikata.

**21.3.3** **Tyre repair DEN 727 (35/0379/26/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill irċieva claim ta ħsarat li saru fit-tyre ta' din il-vettura fi Triq id-Daħla ta San Tumas li jammonta għal €90.00.

Il-Kunsill qabel li jingħata rifuzjoni ta 70% tal-amont.

**21.3.4** **PA07170/23 Site at 9 Triq iz-Zafran and Triq Sant Antnin Marsaskala (35/0258/26/I) (35//0415/26/O):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din l-applikazzjoni suppost li ġiet deċiza illum però ma setgħax isib x'deċizzjoni ittieħdet. Hu qal illi l-PA kienet talbet rapprezentant tal-Kunsill però ħadd ma seta jattendi però min naħa tagħna erġajna batna l-oġġezzjoni ibbazata fuq il-punti kollha li konna iddiskutejna u zied ukoll fejn qal illi Marsaskala qed jiprova jsib rimedju għal ammont ta żvilupp li qed isir u għalhekk b'dan l-izvilupp kollox ġej aghar, però kif ikollu d-deċizjoni finali ser jinforma lill Kunsilliera,

**21.3.5** **Tyre repair DCQ724 (35/0522/26/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi min naħa tiegħu ċempel lil din il-persuna għaliex ma kienx jaf għalxiex din pprezentat ricevuta ta' zewġ tires u mhux wieħed izda infurmatu illi skond il-marka tal-karozza tagħha,minħabba is-sensors kellhom jinbidlu zewġ tires u mhux wieħed.

Dan seħħ fi Triq il-Gross u l-amont hu ta' €820.00 ta' tnejn għalhekk il-Kunsill ser iħallas 70% ta' tyre wiehed cioe' ta` €410.00.

**21.3.6 Bajja San Tumas Mobile toilets (35/0323/26/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hemm persuna li qed imur hemm u jrid li jkollu *mobile toilet* però hemmhekk ser taqa l-lattrina u tinbena mill-ġdid u infurmah illi hemmhekk ma jistax joqgħod.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ħdejn iz-Zion flok il-kamra tal-cleaners ser issir lattrina.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din ser tkun responsabbilta' tal-Kunsill ukoll.

Is-Sindku qal li iva nieħdu hsieb it-tindif u manutezzjoni aħna.

Ma kienx hemm qbil li jsir *mobile toilet*.

**21.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**21.5 Rapporti:**

**21.5.1 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial statements 2025:**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech spjega l-Unaudited financial statements tas-sena 2025.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-unaudited financial statements tas-sena 2025 u ssekonda l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**21.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**

Ma kienx hemm items oħra.

**21.7 Korrispondenza:**

**21.7.1 Progress fil-point tas-Sinjura Marthese Sciberras minn Skala 16 punt 5 għal skala 16 punt 6:**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif is-Sinjura Sciberras waslila iz-zmien sabiex tavvanza fil-punt tal-iskala tagħha.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**21.7.2 Formal request for Information in terms of Cap496 and Cap363 of the Laws of Malta (35/0219/25/O) (35/0211/26/I) (35/0162/26/O):**

Is-Segretarju Ezekluttiv is-Sur Josef Grech qal illi dan il-persuna baqa jinsisiti li jrid l-minuti tal-laqgħat kollha li jikkonċernaw is-servizz tal-fast ferry f'Marsaskala.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu spjegalu kull laqgħa li kellhom il-Kunsill rigward dan is-suġġett. Hu qal illi bil-liġi il-laqħat tal-Kunsill huwa l-informazzjoni li nistgħu intuh fejn dawn jinsabu recorded kif ukoll isiru minuti tagħhom. Is-Segretarju Ezekutttiv is-Sur Josef Grech qal meta jsiru minuti bejn il-Kunsill u entita oħra dawn isiru biss għalina għaliex ma jiġu qatt approvati miz-zewġ naħat li jkunu fil-laqgħa.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal ukoll li l-Kunsill ma rċieva l-ebda pjanti kif ġej il-proġett u l-Kunsill jaf biss dak li jafu r-residenti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi r-residenti jinsabu mħawwdin għaliex hemm blogger maghruf fejn qal illi hu ra l-pjanti ta' dan il-proġett allura r-residenti qed jaħsbu li aħna qed naħbu l-informazzjoni.

Is-Sindku qal illi dan l-individwu ta informazzjoni żbaljata.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Ministru Chris Bonett stieden lil dan ir-resident għall-laqgħa però hu irrifjuta.

**21.7.3** **Transport Malta road safety road show campaign – Ahsibha darbtejn (35/0212/16/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi fis-7, 8 u 9 ta' Marzu, Transpoort Malta ser iġibu portable cinema ħdejn il-Corner view fejn ser ikun hemm videos edukazzjonali fuq is-sewqan.

Kien hemm qbil fuq dan.

**21.7.4** **New Film production (35/0292/26/I) (35/0291/26/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi il-produzzjoni tal-filma talbu li jgħamlu uzu minn partijiet fil-lokalita u hu bħas-soltu hu jitlob donazzjoni min dawn in-nies li jkunu ser jgħamlu films fil-lokal u ser jaghtuna €600.

**21.7.5** **Notification of receipt of Environment Permit Application EP0376/25 HM08, St Anthony Quary Triq Wied iz-Ziju Marsaskala.**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din hija l-applikazzjoni tal-barriera illi skond il-liġi kull ammont ta' snin jiskadi l-permess u jkunu jridu jerġgħu japplikaw għalih. Hu qal illi is-sid jigi rikjest sabiex jipprovdi rapporti dettaljati dwar kif ser jopera l-impjant. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hemm parti mil-applikazzjoni li tgħid li jista jiġi skart minn barra biex jitfarrak go din il-barriera izda ghal din id-darba qed jiġi propost ukoll li jsir impjant tal-asfalt ukoll go din il-barriera. Il-Kunsill iddeċieda li ma joġġezzjonax minħabba li din tinsab il-bogħod mir-residenzi filwaqt li hemm standards stabbilitri mil-PA li jkunu jridu jaderixxu maghhom.

➢ **Il-Kunsillier DR Errol Cutajar daħal għal laqgħa 17:16.**

**21.7.6** **Tire repair DNL 217 (35/0249/26/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill irċieva claim ta ħsarat li saru fit-tyre ta' din il-vettura fi Triq ta' Gidwett li jammonta għal €105.00.

Il-Kunsill qabel li jingħata rifuzjoni ta 70% tal-amont.

**21.7.7** **Extension of low wall Marsaskala Promenade (35/330/26/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dawn saru diversi laqghat mal Ghaqda sajjieda u meta tkellem mal perit Massa qallu li hu ħallha f'idejn periti oħra u jidher li x-xogħol miexi. Is-sindku qal li kien prezenti ghal laqghat li kellu ma rapprezentanti ta' din l-Ghaqda u jidher li dan ic-cint issa mhux ser jinbena u hemm cans li issir struttura tal-hadid adekwata.

**21.7.8** **<u>Tire repair LCU 656 (35/0249/26/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kun sill irċieva claim ta ħsarat li saru fit-tyre ta' din il-vettura fi Triq daħla ta' San Tumas li jammonta għal €160.00.

Il-Kunsill qabel li jingħata rifuzjoni ta 70% tal-ammont.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din id-darba kellna wisq talbiet għal rifużjoni u parti mill-problema li l-Kunrattur tal-kunsill ma għamilx ix-xogħol biex b'hekk mbagħad wara l-maltempata inqalaw ħafna problemi.

**21.7.9** **<u>Laqgħa mall Perit Samuel Chircop:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja spjega xi xogħolijiet li l-Perit infurmah li ser isiru fil-Fajtata ġewwa San Tumas.

**21.7.10** **<u>Laqgħa ma Ivan Brincat minn naħa tar-Rigenerazzjoni taz-zoni turisti.</u>**

Ġew diskussi ħafna mill-ħsarat li seħħew wara il-maltempati Harry. Fosthom turġien ta' fejn il-Jerma kif ukoll l-abjad taht villa Sant' Anna. Tkellimna wkoll fuq xi manutenzjoni ta' bankijiet.

**21.7.11** **<u>Lattrina San Tumas:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi rigward il-lattrina ta' San tumas hemm xi kaxxi tad-dawl li huma ta' terzi persuni li qeghdin fuq is-saqaf tal-lattrin u spjega illi staqsa lil ufficjali ta' IMalta jekk jistgħux jwaqqawha b'tali mod li jibnu madwara umbad iwaqqaw il-kumplament u jidher li l-Perit qabel ma din il-proposta sabiex naghmlu shifting tal-apparat. Il-kunsillier J Baptist qal li ser jneħħi l-appart tal-kunsill imma tlabna lil IMalta biex IMalta tidħol f'arranġament mas-servizzi biex ineħħu dawn il-meters ta' terzi persuni

Kien hemm rimarka li dawn il-kaxxi tad-dawl jista jkun li huma ta' xi gabbana/i li joperaw hemm.

**21.7.12** **<u>Donazzjonijiet tal-bankijiet:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hemm sitt persuni li għazlu bank fil-ġnien Sant'Anna quddiem il-Kunsill u ordnaw plakka b'isem iddedikat għal xi ħadd għażiż li ħalli din id-dinja. L-individwi ser jagħtu donazzjoni ta' €100 l-Kunsill kif ukoll jagħamlu tajjeb għall-ispejjeż tal-plakka li tammonta għall €41.

**21.7.13** **<u>Transport:</u>**

Is-sindku għarraf illi it-trasport b'emergenza ilum rega irritorna għar-rotta normali.

**21.7.14** **<u>Cameras Bidni:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dawn twaħħlu u qed nistennew min-naħa tal-Enemalta sabiex ituna d-dawl.

**21.8** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 21:</u>***

**21.8.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq pagament 8036.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sar pagament doppju u ser ikollna rifużjoni tiegħu.

**21.8.2** Il-Kunsillier is-Sur John b Camilleri staqsa jekk pagament nru 8002 hux tad-dawl tal-bandli.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech ikkonferma.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud issekondat. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**21.9** ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

**<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri (060-18/2/26:</u>**

Jipproponi li nitolbu li jintranġa jew nirranġaw it-taraġ bejn Triq ix-Xatt u Triq Sant Anna għax it-turġien mhux kollha l-istess daqs u jwaqqek int u tiela jew nieżel.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dan it-taraġ mhux qiegħed tajjeb pero jista jitranġa ma hemmx għalfejn isir mill-ġdid.

**21.10** **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 16 ta' Marzu 2026 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 19 ta' Frar 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ____________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |